# LEĦEN IL-MALTI

LULJU-SETTEMBRU 1948. IT-TMINTAX-IL SENA Għadd 209-210.

# *ARTHUR RIMBAUD*

## (1854—'91)

(*Editorjal tal*-PROF. G. AQUILINA, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.)

*IL-FAMA għandha l-kapriċċi tagħha. Miljuni ta' Franċiżi għexu u mietu fi Franza tas-seklu dsatax u ħadd ma għadu jaf bihom. U kienu isqfijiet, kardinali, nies ta' l-Istat, ġenerali u nies oħra għoljin li, sakemm damu jgħixu, il-kelma tagħhom kienet qisha amar u l-iċken ċaqliqa tagħhom kienet tissemma fil-gazzetti tal-ġurnata. Rimbaud għal fejnhom kien daqsxejn ta' tifel, u lanqas tgħid tifel ta' manjieri sbieħ, għax kien pastaż, kien maħmuġ u mdewwed, kien viljakk, kien pagan agħar mill-pagani, kien ivvizzjat, stramb għall-aħħar; kien, fi ftit kliem, tifel tad-daqqiet tal-ħarta, tifel minn dawk li tagħmilha magħhom, jagħmlulek demmek ilma. U għex ħajja qasira għax miet ta' 37 sena. Imma ħalla isem kbir fil-letteratura. Ħalla mhux biss isem, imma influwenza letterarja fi Franza u f'artijiet oħra.*

*Issa rrid insewwi dak li għidt. Għidt li l-fama kapriċċuża, tnessi u tfakkar l-ismijiet kif trid hi. Il-Fama hi kapriċċuża sakemm il-bniedem hu ħaj, għax ħafna drabi min ħaqqu twarrbu u min ma ħaqqux tgħollih fis-smewwiet u xi drabi hi kapriċċuża wara l-mewt ukoll, imma sa fl-aħħar iż-żmien jagħlibha wil-ġenju, moħbi jew imwarrab, jitla' fil-wiċċ bħalma ż-żejt jitla' f'wiċċ l-ilma kif ingħidu għall-verità.*

*Arthur Rimbaud kien tifel fenomenu; fenomenu għax bejn il-ħmistax u d-dsatax-il sena kiteb ix-xogħol li għamlu famuż fil-letteratura Franċiża. Imma kien tifel li fuq moħħu kellu s-sinjal tal-bewsa tal-Ġenju. Biex tifel sa dsatax-il sena kiteb poeżija li kienet bħall-ħmira għall-poeżija ta' poeti oħra, biex meta kien għad għandu 17-il sena ġibed l-attenzjoni ta' Verlaine qabel ma kien jafu u tħabbel miegħu f'xibka ta' vizzji, bil-fors li dat-tfajjel minn Charleville ma kienx tifel bħat-tfal l-oħra, bil-fors kien tifel ta' ġenju. Jekk il-ġenju kienx id-diżgrazzja tiegħu hija kustjoni oħra. Jiena ngħid li kien, għax ġagħlu jagħmel ħafna ħmerijiet, ġagħlu jitpastaż, jitbexkel, jitqażżeż,*

*jistaħam fil-vizzju. Għaġħlu jagħmel dan kollu, kif wieħed jista' jkun jaf mill-bijografija tiegħu, sa ma kellu 19-il sena, meta sa fl-aħħar, donnu mxâbba' mill-arti u mill-ħolm tiegħu bla temma, ħarab mill-Ewropa u mar barra fl-Abbissinja jinnegozja l-ġild u l-ixkubetti qisu qatt ma kien kiteb poeżija—aħjar fil-manjieri u donnu mfejjaq, jekk mhux għal kollox, imfejjaq ħafna mill-ġenn tal-ġenju ta' żgħożitu. Dan il-poeta li fi tfulitu kellu jaħraq ġo fih in-nar tal-poeżija spiċċa ħajtu ġo sptar b'riġlejh it-tnejn maqtugħin, konvertit bis-saħħa ta' oħtu Vitalie, wara li kien ċaħad lil Kristu, lill-morali Nisranija. Kemm kienet ġejja mill-qalb jew mill-biża' tal-mewt dik il-konversjoni ma nafux. Nafu biss li oħtu Vitalie taret bil-ferħ meta ħuha li snin qabel kien għadda biċ-ċajt u żeblaħ lil Verlaine talli dan qallu li kien bi ħsiebu jitlaq il-ħajja tal-vizzju, talabha ssejjaħlu qassis biex iqerr.*

*Dawn il-ftit daqqiet ta' pinna ma jagħtux il-kwadru kollu ta' ħajjet l-awtur tagħna, imma jagħtu tagħrif biżżejjed biex wieħed jista' jifhem li Rimbaud, tifel pastaż, ivvizzjat, insolenti u raġel fl-aħħar snin ta' ħajtu neguzjant pulit fil-manjieri u ġeneruż, kien bniedem straordinarju.*

*Kien straordnariju fl-arti tal-kelma miktuba, fil-lehma tal-poeżija. Kien poeta oriġinali. Ħajtu kienet traġedja, imma l-agħar traġedja tiegħu, kif naraha jiena hi, li meta sar famuż, meta l-poeżija tiegħu kienet qed tinqara u titfaħħar f'Pariġi, hu ma kien jaf b'xejn—mhux biss li ma kien jaf b'xejn imma lanqas biss ma ried min isemmilu l-poeżija ta' tfulitu. Donnha t-tifkira ta' dawk l-ambizzjonijiet, ta' dawk l-idijali li ma seħħux, ta' dawk il-viżjonijiet li baqgħu magħluqa fil-moħħ kienet iddejqu ħafna. Tabilħaqq, bejn Rimbaud, it-tifel tal-ġenju li ħoloq jew aħjar saħħaħ il-moviment simbolista fil-poeżija, u Rimbaud in-neguzjant tal-ġlud u ta' l-ixkubetti f'Harar, hemm qabża kbira. Hemm dik il-qabża li twaqqaf bħal ħajt bejn l-artist u n-negozjant, bejn l-idijal maħlum will-ġid materjali miksub.*

*Rimbaud it-tifel u Rimbaud ir-raġel kienu mhux biss tbiegħdu sewwa minn xulxin, imma kisruha ma' xulxin u baqgħu sa l-aħħar ma ridux jafu b'xulxin. Id-dinja letterarja aċċettat lil Rimbaud it-tifel, l-awtur ta'* Le Bateau Ivre, Une Saison En Enfer, *u* Les Illuminations, *imma Rimbaud in-neguzjant lil dat-tifel poeta ma aċċettah qatt iżjed f'ħajtu. Ħarbu u twarrab minnu qisu kien il-waħx tiegħu. Biex jaħarbu, tbiegħed mhux*

*biss minn Pariġi, il-Belt tal-Poeti, imma mill-Ewropa; tbiegħed u qata' kull rabta mal-ħbieb ta' tfulitu, mal-ħbieb li kienu jafuh bħala tifel poeta, tbiegħed sa minn l-istess Verlaine.*

*Rimbaud baqa' magħruf mhux għall-ħajja tiegħu mħarbta, għax din kieku ilha li ntesiet bħall-ħajja mħarbta ta' ħafna nies oħra li ż-żmien tafa' t-trab tal-qabar fuq ġisimhom. Baqa' magħruf għat-teorija poetika tiegħu li hu wettaq bil-kitba ta' poeżiji li qabbdu dwal ġodda, ritmi ġodda fit-toroq tal-Muża. It-toroq ġodda ta' Rimbaud kienu jibdew u jaslu naħa oħra minn fejn kienu jibdew it-toroq tal-poeżija klassika, tradizzjonalista ip-personifikata fi żmienu f'Théodore de Banville, magħruf ħafna dik il-ħabta, u li Rimbaud, tifel wiċċu qiegħed, ried iwaqqa' għaċ-ċajt b'poeżija li bagħat lill-istess Banville biex minn fuq igħidlu x'jidhirlu minnha! Rimbaud fisser l-idejiet tiegħu dwar il-poe-żija f'teorija li hu sejjaħ* "La Teorie du Voyant" *(It-Teorija tar-Raj). Biex tifhem it-teorija ta' l-arti tiegħu trid iżżomm quddiem għajnejk il-ħin kollu li Rimbaud, bħal Nietzsche, kien jara fil-Kristjaneżmu l-għadu tas-sensi u għalhekk ta' l-Arti li tieqaf fuqhom. Kien jirraġuna li l-Morali Nisranija tagħlaq is-sensi ġo qoxrithom, toħloq valuri artifiċjali, u tfixkel l-iżvilupp komplut tal-personalità tal-bniedem bil-biża' tal-Liġi t'Alla u tal-Knisja tiegħu. Minn din il-fehma mgħawġa ħareġ il-konklużjoni li l-liberazzjoni ta' l-arti mix-xkilijiet li kienu jżommuha magħluqa, kienet titlob iċ-ċaħda tal-Morali Nisranija u ta' kull konvenzjoni soċjali, bħalma huma manjieri puliti u imġieba tajba, u wasal biex ċaħad l-istess lingwa bħala ħaġa konvenzjonali tas-soċjetà, u ried għalhekk iqallbilha sal-morfoloġija u s-sintassi tagħha kif għamlu ħafna poeti simbolisti u anti-tradizzjonalisti. Mela fost kollox kienet teħtieġ il-liberazzjoni tas-sensi. Kien hemm bżonn tifthilhom il-bibien magħluqa biex tidħol l-arja tnaddaf l-inibiz-zjonijiet. Tħoss bis-sensi, tiddedika ruħek għas-sensi, tara l-ħajja b'mod simboliku b'tixbihiet meħudin mis-sensi, bla biża', kollox bil-maqlub tal-Morali Nisranija—arti li tkun sfida għall-Morali Nisranija u għall-konvenzjonijiet tas-soċjetà, għal dan ħadem Rimbaud.*

*Idejiet bħal dawn fisser bl-istil tiegħu ħaj u kulurit Nietz-sche f'*Das Sprach Zarathustra *u f'*Ecce Homo, *l-aħħar dagħwa li kiteb xahrejn qabel iġġennen. Xebh ieħor ta' Rimbaud ma' dal-kittieb Ġermaniż ta' nisel Pollakk li ma kienx jaħmel il-Ġer-manizi għax kien jara fihom il-qattiela tal-kultura Ewropea, hu*

*l-wiċċ tost li bih dawn iż-żewġ kittieba jitħaddtu fuq il-kobor tagħhom infushom, fuq is-superjorità tagħhom bħala artisti għall-kittieba kollha ta' qabilhom. U dak li aħna nsejħu wiċċ tost huma sejħulu liberazzjoni mill-inibizzjoni konvenzjonali tal-modestja, mill-ipokrisija tas-soċjetà li ma tħallikx tgħid fuqek innifsek dak li tħoss. Minn din it-teorija ż-żewġ kittieba strambi ħarġu teknika letterarja li, meta tinsa li swiet għat-tixrid ta' idejiet ħżiena, ma tistax ma tammirahiex għall-mewġa ta' ritmi ġodda, il-fawra ta' simboliżmu artistiku intellettwali li daħħlet fil-letteratura Franċiża.*

*It-tnejn anti-tradizzjonalisti, għedewwa bla mistrieħ tal-kittieba ta' qabilhom, huma żiedu fil-lsien li kitbu bih setgħat ġodda ritmiċi u idjografiċi. Biss dak li huma xandru bħala t-teknika tat-teorija tagħhom anti-Kristjana, fih innifsu mhux ħlief liberazzjoni ta' l-istil letterarju mikdud mill-ħafna kittieba ta' qabel, stil ġdid, stil ħaj, li jista' jinqeda bih il-kittieb Nisrani għall-espressjoni artistika ta' l-idijali tiegħu. U mħabba f'hekk it-teknika taż-żewġ kittieba għandha l-merti kbar tagħha għal dawk li għandhom kultura biżżejjed biex jifirdu l-kontenut mill-forma. Bħala mgħallmin ta' forma ġdida huma jinqatgħu ħafna minn tost kittieba oħra li għax inqas letterarjament ardlti minnhom, kif ukoll għax inqas imżejnin bl-immaġinazzjoni tan-nar li jaħraq il-ħsieb, baqgħu għal snin imwaħħlin mal-forom mikduda tal-mijiet ta' poeti u prożaturi ta' qabilhom.*

*Niftiehmu ,igħidu x'igħidu dawn iż-żewġ kittieba strambi għalihom infushom bħala ikonoklasti, għalkemm hu tassew li taw lid-dinja teknika ġdida, u qajla ġdida għal kollox, mhux tassew li l-kobor stilistiku tat-teknika tagħhom waqqgħet u ġarrfet it-teknika stilistika tal-poeti u prożaturi kbar tradizzjonalisti ta' qabilhom. Dak li poeti bħal Rimbaud u Nietzsche igħidu għalihom infushom trid tieħdu bħala l-affermazzjoni eżaġerata ta' artisti temperamentali. U l-artist temperamentali, ħafna drabi jixbah lil Narċissu innamrat minnu nnifsu u bħalu jispiċċa biex jegħreq fix-xmara ta' l-ilmiet qarrieqa li jirriflettu x-xbieha tiegħu.*

*Imma biex nerġgħu nduru fuq il-poeta Franċiż. Jibqa' minnu li t-teknika ġdida tiegħu, żviluppata meta kien għadu daqsxejn ta' tifel, jiġifieri fil-bluh ta' ħajtu, kellha influwenza kbira fuq il-poeti l-oħra mhux biss ta' Franza imma wkoll ta' l-Italja, ta' l-Ingilterra u ta' kull pajjiż ieħor fejn taħt is-setgħa ta' l-arti*

*tiegħu xtered il-moviment letterarju simbolista. Is-simboli fil-poeżija tiegħu jfawwru bħall-ward tan-narċis għall-ħabta tal-Milied u Rimbaud, vittma tat-teorija tiegħu perikluża li ċaħdet kull ma hu għalina normali u tradizzjonali, biex ikattar il-ward 'tal-fantasija, wara li neħħa l-irbit ta' kull inibizzjoni morali, ħalla s-sensi jġorruh huma lejn l-immaġni li titwieled waħedha mingħajr xkiel bħall-ħaxix fuq il-blat. Coleridge u De Quincey kienu jieħdu l-loppju biex jinsew id-dwejjaq tagħhom, u waqt ix-xaħxiħa kienu jiġuhom l-isbaħ tixbihat mill-qiegħ tas-*subconscious *tagħhom. Rimbaud kien iqajjem il-fantasija tiegħu mhux biex jinsa d-dwejjaq, imma bil-fehma li jqalleb is-sensi bl-istimulanti bħalhom u jħallihom jimirħu waħedhom mingħajr l-ebda xkiel salqiegħ ta' ruħu u jtellgħu minn hemm l-isbaħ tixbihat, sew sew kif l-għaddasa jtellgħu l-qroll minn qiegħ il-baħar tropikali. Kemm-il darba Rimbaud qal li "Le poete se fait voyant par un long immense et raisonné dérèglement de tous les sens". Teorija tal-biża' li ġġiblek quddiem għajnejk l-għerien fejn jixxaħxħu n-nies disprati jixorbu l-loppju jew il-ħaxixa biex joħolqu dinja oħra, dinja mimlija duħħan ta' fantasija mqallba, ta' sensi mxewxa, dinja li tagħtihom għal ftit żmien ġenna pagana ta' pjaċiri senswali, sakemm is-sistema nervuża tagħhom tegħja u lanqas jibqagħlhom il-ħila jħarbtu lilhom infushom iżjed. Biex tgħallem u toqgħod għal duttrina bħal din irid ikollok il-kuraġġ temperamentali, għax ma nafx nistax ingħidlu stupidu, kuraġġ li tbati l-konsegwenzi. Rimbaud kiteb fuq hekk: "It-tbatija hi tal-biża'; hija l-aqwa tortura fina; u l-poeta jeħtieġ jibqa' jkollu l-fiduċja, l-aqwa saħħa, għax hu jsir* Le grand malade, le grand criminel, le grand maudit et le supreme savant". "*Le grand maudit", frażi tal-biża' għax turi fl-aħħar mill-aħħar x'kien iħoss fih innifsu Rimbaud, imħabbel f'dottrina mħawwda bħal din. Mhux ta' xejn Verlaine, ħabib u ammiratur tiegħu, li kien igħix din it-teorija miegħu, sejjaħ lilu nnifsu u lil ħabibu "les poetes maudits" —il-poeti misħutin.*

*Rimbaud bil-fors ġarrab tbatija spiritwali kbira li hu fisser simbolikament fil-poema-proża* "Une Saison En Enfer". *Halla lill-letteratura poemi-proża l-ġmiel tagħhom, friski qishom tfigħ ta' ilma qawwi jbaqbaq minn fawwara fuq muntanja, ibaqbaq u jibjad bir-ragħwa tat-tifwir. Ma kienx hu li daħħal il-poema-proża fil-letteratura Franċiża. Kienu kitbu poemi-proża qablu Gerard de Nerval, Aloysius de Bertrand, Charles Beaudelaire, u*

*Charles Cros. Imma kien hu li ta lill-poema-proża l-isbaħ individwalità poetika tagħha. Kiteb poemi sbieħ, xi drabi twal, xi drabi qosra, li għandhom mil-leħħa ta' berqa li ddawwal id-dlam ta' madwarha, leħħa, tidwila f'daqqa u għalhekk dawn il-poemi jisimhom wisq tajjeb* "Les Illuminations". *Aqra din: "J'ai tendu des cordes de clocher à clocher; des guirlandes de fenêtre à fenêtre; de chaines d'or d'etoile à etoile, et je danse"—"Jien middejt ħbula minn kampnar għal kampnar; kuruni minn tieqa għal tieqa; ktajjen tad-deheb minn kewkba għal kewkba, u naqbad niżfen", u tbaqbiq tar-ruħ imqanqal minn dehra sabiħa mfissra simbolikament, b'dehriet li ħarġu minn ruħu friski u ġodda, dehriet li, marbutin flimkien, tistħajjilhom ħannieqa ġiżimin li jħallu fwieħa fuq is-sider ta' tfajla fl-imħabba.*

*Kieku xi ħadd isaqsik: "Trid inti isem kbir fil-letteratura tad-dinja u tgħix il-ħajja ta' Rimbaud?" trid tkun wisq mogħmi mill-ambizzjoni biex tbigħ moħħok u l-hena tiegħek għal xewqa ta' kobor. Li dan hu minnu jidher ukoll minn kif ġieb ruħu miegħu nnifsu Rimbaud li ma għandkomx tinsew li kiteb il-poeżija li tagħtu isem fil-letteratura ta' Franza meta kien għadu daqsxejn ta' tifel. Kif għidtilkom, meta ismu kien qed jissemma mill-letterati ta' Pariġi bl-akbar ammirazzjoni hu lanqas biss kien irid min isemmilu l-poeżija li kien kiteb. U meta difnuh l-ebda letterat ma ħa sehem fil-funeral tiegħu għax lanqas kienu jafu li miet billi hu qatt ma fittex li jarġa' jidħol fil-ħajja letterarja li kien ċaħad u ħarab.*

*Jidher li l-esperiment artistiku li għamel fuqu nnifsu kien ħallielu togħma morra, kien ħallieh spiritwalment immankat. Xort'oħra ma tistax titfisser iċ-ċaħda tal-fama li hu kien fittex meta kienet għadha ma ġitux u li hu taha bis-sieq meta kienet qiegħda tgħajjatlu Pariġi. Kien Rimbaud raġel ħażin minnu nnifsu? Li l-għemil tiegħu kien ta' bniedem eżaltat, ta' artist żbuxxlat, ma hemm l-ebda dubju. Dak imma li ma jista' jgħidu ħadd ħlief Alla hu jekk kienx bniedem ħażin għax kien jaf u kien jixtieq ikun ħażin. L-artist hu bniedem kurjuż. Bħall-filosofi hu jkun bosta drabi vittma tat-teorija tiegħu u Rimbaud tħabbel f'teorija li moħħu ma kienx għadu żviluppat biżżejjed biex jiżinha sewwa. Ma hemm l-ebda dubju li bħala artist hu fittex dak li kien għalih artistikament sabiħ; ma hemm l-ebda dubju li hu fittex l-idijal li jaqta' l-għatx, imma kollox kif fehem hu; kollox kif kien igħidlu moħħu. Ha żball fl-għażla ta' l-idijal u ħaġġar il-*

*verità forsi mingħajr ma kien jaf, bħalma fost il-qaddisin Sawlu ħaġġar qaddis ieħor mingħajr ma kien jaf x'inhu jagħmel.*

*Il-psikoloġija tal-bniedem hi aktar imħawda mill-baħar fil-maltemp, u hi mħawda mid-demm marid, mill-wirt ta' familja mhux normali kif ma kenitx normali l-familja ta' ommu. Biss fl-*Illuminations *tinħass qawwija l-għajta għall-Idijal li Rimbaud ma sabx għax ma għarafx ifittex fejn seta' jsibu. Imma mhix ħaġa tassew stramba, jew aħjar, xhieda ta' l-eżistenza ta' dan l-Idijal, li l-poeta Franċiż, Paul Claudel ,sar Kattoliku wara li kien qara l-poeżija tat-tifel ġenju ta' Charleville?*

* * *

## L-AWRORA*

L-Avrora tas-sajf jien għannaqt miegħi.

Xejn ma kien hemm jiċċaqlaq quddiem il-palazz. L-ilmijiet mejta. Il-qtajja' tad-delìijiet ma kenux twarrbu mit-triq tal-masġar. Inxejt u qajjimt l-irjieħ ħajja u fietla u ħares il-ġawhar u ntrefgħu l-ġwienaħ mingħajr ħoss.

U l-ewwel ġrajja fis-sqaq li kien diġà mimli bl-idwal ġodda u mufara, kienet warda li qaltli isimha.

Kien dħakt liċ-ċarċara li għaddiet imħabbla qalb is-siġar taż-żnuber: fuq il-quċċata tal-fidda jiena għaraft il-mara alla.

Imbagħad neħħejt wieħed wieħed l-istar. Fil-mogħdija waqt li tagħadt inxejjer dirgħajja. Fil-wita fejn jien ħabbart is-serdul. Fil-belt il-kbira hija ħarbet qalb l-arloġġi u l-koppli u jiena bħal tallab fuq moll tar-rħam ġrejt warajha biex naqbadha. Fil-għoli tat-triq qrib bosk tar-rand dawwartha bl-istarijiet tagħha mġbura, u ħassejt xi ftit il-ġisem kbir tagħha. L-awrora u t-tifel waqgħu ġo qiegħ il-bosk.

Xħin qomt sibt li kien nofs in-nhar.

## REGALITA'

Għodwa waħda sabiħa, fost poplu qawwi u ħelu, raġel u mara kburin bdew jgħajtu fil-misraħ "Ja ħbieb tiegħi, jien irrid li hi tkun sultana!" "Jiena rrid inkun sultana!" U hi kienet tid-

* Dil-poeżija u l-oħrajn ta' warajha fi proża ritmika hi maqluba mill-oriġinal ta' A. Rimbaud.

ħak u tirtogħod. Hu kien qed ikellem lill-ħbieb tiegħu fuq rivelazzjoni, fuq tiġriba mitmuma. Bil-ħass ħażin kienu jaqgħu wieħed fuq l-ieħor.

U ġara li għodwa waħda huma saru kollha slaten. Hemm fejn it-tapizzeriji ta' lewn aħmar dagħmi, reġgħu ntrefgħu fuq id-djar u n-nofs ta' nhar kollu fejn huma resqu mm-naħa talġenb tal-ġonna tal-palm.

## ŻGĦORIJA

Fil-bosk hemm għasfur; l-għanja tiegħu twaqqfek u tħammarlek wiċċek.

Hemm arloġġ li ma jdoqqx.

Hemm ċattra, bejta ta' bhejjem bojod.

Hemm kattidral nieżel u għadira tielgħa.

Hemm karrozza żgħira mitluqa fil-bosk, jew xi ħadd nieżel jiġġerra fis-sqaq imżejjen biż-żagarelli.

Hemm tajfa ta' kummidjanti żgħar lebsin il-kostumi, daqqa t'għajn fuq il-mogħdija li taqsam ix-xifer tal-bosk.

U fl-aħħarnett hemm xi ħadd jiġġerra warajk meta jkollok il-għatx jew il-ġuħ.

## LEJLA TA' L-INFERN

Jiena blajt belgħa semm kif imiss—imbierek għal mitt darba l-parir li wasalli—imsarni qed jaħarquni. Il-ħruxija tas-semm qed tgħawwiġli ġismi kollu, tkerrahni u ġġarrafni. Qed immut bil-għatx, qed nifga, ma nistax ngħajjat. Dan l-infern, l-uġigħ etern. Araw in-nar kif qed jitla'! U jien ġmieli qed ninħaraq! Mur, xitan.

..................................................................................................

..................................................................................................

Iskot, iskot inti... hawnhekk kollox għajb u ħtija. Satana li jgħid li n-nar hu moqżież u l-għadab tiegħi belhieni... Biżżejjed... għiltijiet li joħorġu man-nifs, sħarijiet, fwejjaħ ħżiena, mużika taċ-ċajt. U taħseb u tgħid li jiena għandi l-verità, li jiena għandi l-ġustizzja: u għandi fehma tajba u qawwija u ninsab

lest għall-perfezzjoni... kburija. — Il-ġilda ta’ rasi tqarqċet.
Ħniena! Mulej, qed nibża’. Jien bil-għatx, iva bil-għatx! A! Iż-
żgħorija, il-ħaxix, ix-xitla, l-għadira fuq il-ħaġar, id-dawl tal-
qamar meta l-arloġġ kien qed idoqq tnax... ix-xitan fuq l-arloġġ
din is-siegħa. Marija! Xbejba Mqaddsa! Il-bluha tiegħi twaħ-
ħaxni.